MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 258/2008

**Avukat Dottor Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Nokia Corporation.**

**vs.**

**Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati b'digriet tal-4 ta' April 2008 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti socjeta` esportatrici YIWU CHINA SMALL COMMODITIES CITY TRADING CO. LTD. u lill-kunsinjatarju SARL LES FRERES HADDAD IMPORT EXPORT.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti l-Avukat Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Nokia Corporation

datat 17 ta' Marzu 2008 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati l-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta' Malta msejjha 'NOKIA', liema dritt gie registrat f'Malta fit-tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok "NC1" u "NC2");

Illi fit-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru UESU 2265537 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM LYS liema *container* kien fih total ta' tmienja u sittin elf (68,000) accessoriji tal-*mobile phones* konsistenti f' hamsa u erbghin elf (45,000) *covers*, sebghat elef (7,000) *chargers*, elfejn (2,000) *pockets* erbat elef (4,000) *batteries* u ghaxart elef (10,000) *headsets* (Dok."NC3") kollha bil-marka 'NOKIA', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali;

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li l-accessorji tal-*mobile* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontrafazzjonijiet ghar-raguni li fihom il-marka 'NOKIA' u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Nokia Corporation, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` ntellettwali ta' Nokia Corporation;

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta (Dok."NC4") sabiex *a tenur* ta' l-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Illi din il-merkanzija nqabdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa SARL LES FRERES HADDAD IMPORT EXPORT

mill-Algeria, dan skond dak citat fil-polza ta' taghbija numru GZ2198165 (Dok. "NC5");

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll ta' l-**artikolu 10(2) (b) ta' l-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap 416)** u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-**artikoli 14-19 tal-istess Kap 416** u l-**artikoli 7 u 8 ta' l-istess Kap 414**;

Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tinforza l-jeddijiet taghha;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'accessorji tal-*mobile* senjatament tmienja u sittin elf (68,000) accessoriji tal-*mobile phones* li fuqhom hemm l-marka 'NOKIA', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru UESU 2265537 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` ntelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok. "NC1" u "NC2");

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali accessorji tal-*mobile* 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta' l-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija accessorji tal-*mobile* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta'

distruzzjoni nkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali ta’ l-istess accessorji tal-*mobile*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi *nomine* Dr. Peter Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera attrici Nokia Corporation a fol. 2. u 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 3) u hames (5) dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok. “NC 1” sa Dok. “NC 5” kif jidhru a fol. 5 sa fol. 11 tal-process.

Rat ir-rikors tal-Avukat Dr. Peter Fenech *nomine* datat 17 ta’ Marzu 2008 a fol. 15 tal-process fejn is-socjeta’ rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta’ konvenuta fl-atti tar-rikors fuq imsemmija u fl-atti l-ohra kollha relevanti u sussegwenti u tordna li bil-Bandu tigi notifikata l-imsemmija socjeta`. Il-Qorti kif hekk presjeduta rat id-digriet precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxalli u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija nnominat lill-Avukat Dr. Anthony Cutajar u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi bid-digriet moghti fl-4 ta’ April 2008 kif jidher a fol. 16 tal-process.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti ghas-seduta tas-27 ta’ Mejju 2008 b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati l-Avukat Anthony Cutajar u P.L. Hilda Ellul Mercer ipprezentata fid-28 ta’ April 2008 a fol. 22 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti minnhoma rappresentati. F’ dan ir-rigward, l-esponenti, minn issa jitolbu lir-rikorrenti *noe* sabiex jipprovdilhom kull indirizz tal-assenti minnhom rappresentati jew numru tat-*telphone* tal-istess u dan sabiex jkunu jistghu jikkomunikaw maghhom.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 22 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-attur Dr. Peter Fenech *nomine* datata 14 ta’ Mejju 2008 a fol. 24 tal-process, li biha esebixxa l-affidavit tieghu u l-affidavit ta’ l-Ufficjal tad-Dwana George Agius, flimkien ma dokument iehor immarkat bhala Dok. “NC 8” li huwa kopja tar-rapport.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-27 ta’ Mejju 2008 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Rita Mifsud ghall-attur li ddikjarat li l-provi huma maghluqa u m’ghandhiex provi izjed. Deher ukoll Dr. Anthony Cutajar bhala kuratur li nforma lill-Qorti li s-socjeta` attrici nfurmatu li m’ ghandha l-ebda indirizz tal-konvenuti assenti, u prezenta nota f’dan is-sens u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Mejju 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi s-socjeta’ attrici hija detentrici tal-marka Nokia skond il-ligi kif jirrizulta mid-Dok. “NC1” u “NC 2” annessi mal-azzjoni attrici, u dan fuq l-oggetti hemm specifikati, fosthom oggetti bhala dak li huma mertu tal-kawza odjerna.

Illi jirrizulta li wara li dahal il-container UESU 2265537 fil-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM LYS instab li kien fih total ta’ tmienja u sittin elf (68,000) accessoriji tal-*mobile*

*phones* konsistenti f’ hamsa u erbghin elf (45,000) *covers*, sebghat elef (7,000) *chargers*, elfejn (2,000) *pockets* erbat elef (4,000) *batteries* u ghaxart elef (10,000) *headsets* (Dok.”NC3”) kollha bil-marka ‘NOKIA’, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` ntellettwali u dan kif jirizulta mix-xhieda moghtija b’affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. “NC 7”), u b’dan giet informata s-socjeta’ attrici (Dok. “NC3”). Mill-ezamijiet li saru fil-fatt jirrizulta li dan is-suspett kien fondat u tali merkanzija kienet fil-fatt kontrafatta (Dok. “NC 4”) u dan anke kif indikat fir-rapport datat 17 ta’ Marzu 2008 (Dok. “NC 8”) u tali merkanzija kienet destintata ghall-entita’ konvenuta ndikata fl-okkju tal-kawza u fuq il-polza ta’ assikurazzjoni (Dok. “NC 5).

Illi ghalhekk ma hemm ebda dubju li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi tad-disposizzjoni tal-Kap 414 u 416 tal-Ligijiet ta’ Malta fis-sens hawn indikat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ l-istess, **tilqa’ t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’accessorji tal-*mobile* senjatament tmienja u sittin elf (68,000) accessoriji tal-*mobile phones* li fuqhom hemm l-marka ‘NOKIA’, u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru UESU 2265537 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` ntellettwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha ‘NOKIA’ moghtija n-numru ta’ registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok. “NC1” u “NC2”);

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data ta’ din id-decizjoni jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile* mertu tal-kawza

odjerna, u dan minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta’ l-intimati;

3. Tordna lill-intimati sabiex ihallsu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjeta’, inkluzi dawk tat-trasport ta’ l-imsemmija accessorji tal-*mobile* ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta’ distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali ta’ l-istess accessorji tal-*mobile*.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta b’dan li d-drittijiet tal-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------